**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 368/2014**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Zammit**

**Iben il-mejjet Anthony u Carmen nee' Micallef, imwieled Pietà nhar l-14 ta' Ottubru 1972, residenti 17, Alley 5, Main Street, Siġġiewi detentur tal-karta ta'l-identità bin-numru 475672M**

Illum, 25 ta' Ġunju 2021.

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Mario Zammit akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Mejju 1999, u fl-aħħar tlett snin ta' qabel din id-data:

> 1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għal-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u

bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, ħin, żmien u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. U aktar talli fl-14 ta' Mejju 1999 u matul l-aħħar sitt xhur ta' qabel din id-data kellu għandu fil-pussess tiegħu u jew żamm arma tan-nar u/jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmin mitt Euro (€800), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li ġiet bis-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Però jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Zammit, ippreżentat fl-01 ta' Ottubru 2014, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn huwa ġie misjub ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, tirriformaha f'dik il-parti fejn ġie kkundannat għal terminu ta' priġunerija ta' sitt xhur effettivi, u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat it-talba magħmula mill-appellant sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8(2) u (3) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u dan wara li daħħlu fis-seħħ l-emendi għall-imsemmi artikolu 8 permezz tal-Att XXXII tal-2018.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti mogħti nhar il-15 ta' Novembru 2019 fejn ġie deċiż hekk:

> *Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta jissussistu, qed tilqa' t-talba tad-difiża u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537*

Rat illi nhar is-26 ta Frar tas-sena 2021 il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ippreżenta r-rapport konklussiv tiegħu fejn issottometta illi l-appellant issodisfa il-proċess ta' riabilitazzjoni u kien temm l-istess b'suċċess.[1]

Semgħet ix-xiehda tas-*Senior Social Worker* Joanna Buhagiar Fiott fejn ikkonfermat il-konklużjonijiet tal-Bord[2].

Rat n-nota ippreżentata fid-09 ta' Ġunju 2021, mir-Reġistratur tal-Qorti fuq ordni ta' din il-Qorti minn fejn jirrizulta illi l-appellant ma għandux proċeduri penali oħra pendenti u allura is-subartikolu (6A) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti hemmhekk eżebiti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

---

[1] Ara folio 298 et seq tal-atti proċesswali.
[2] Folio 301.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant iressaq aggravju wieħed marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn talab allura lil din il-Qorti timponi piena aktar miti fuqu tenut kont tal-ammissjoni minnu rreġistrata, it-trapass konsiderevoli taż-żmien mill-kummissjoni tar-reati lilu addebitati, l-koperazzjoni minnu fornita lil pulizija tant illi ġiet applikata favur tiegħu l-mitigazzjoni fil-piena maħsuba fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u finalment fid-dawl tar-riforma kompluta u ħolistika li seħħet fil-hajja tiegħu.

Illi wara li l-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti dwar id-Droga, u fid-dawl tar-rapport pożittiv mogħti mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga, tqies illi l-aggravju imqajjem mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment.

Illi mir-rapport tal-Bord u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Novembru 2019, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> ***(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:***
>
> ***Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.***
>
> ***(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.***

Illi mid-dokumenti annessi man-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni, u li hija datata s-26 ta' Frar 2021, jirriżulta illi illum l-appellant ħareġ kompletament mill-vizzju tad-droga, huwa bniedem rijabilitat u l-kampjuni tal-urina meħuda regolarment dejjem taw riżultat negattiv għall-użu ta' sustanzi stupefaċenti. Illum l-appellant huwa raġel tal-familja, b'impjieg fiss u ħajja stabbli. Illi l-Qorti ma tistax tinjora lanqas illi ir-reati addebitati lill-appellant u li tagħhom ġie misjub ħati jirrisalu għas-sena 1999. F'dak iż-żmien huwa kien vittma ta'l-abbuż ta' droga. Tul is-snin li segwew, iżda għamel l-almu tiegħu biex joħroġ minn dan l-abbuż u jidher illi issa ilu żmien twil ma jabbuża mid-droga. F'dak iż-żmien ukoll l-appellant kien għen lil pulizija fl-investigazzjonijiet tant illi ġie applikat favur tiegħu dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tqis ukoll illi l-appellant ma kellux każijiet oħra fejn ġie akkużat b'reati simili għal dawk lilu addebitati fil-preżenti istanza.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija l-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ġie misjub ħati tal-akkużi lilu addebitati iżda tvarja il-piena inflitta, tgħaddi għalhekk biex tikkundanna lill-appellant Mario Zammit għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiż għal żmien sena (1) mil-lum. Tikkundanna inoltre l-appellant għal ħlas ta' multa ta' €600. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Jocye Agius

Deoutat Registratur